

31975R0949

12.4.1975

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 91/14

**IR-REGOLAMENT (KEE) Nru 949/75 TAL-KUMMISSJONI
tal-11 ta' April 1975**

li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 315/68 fir-rigward ta' standards ta' kwalità għall-basal liljum

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 234/68 ⁽¹⁾ tas-27 ta' Frar 1968 dwar l-istabbiliment ta' organizzazzjoni komuni tas-suq f'siġar ħajjin u pjanti oħra, basal, għeruq u affarijiet ta' din ix-xorta, fjuri maqtugħa u weraq ornamental, u b'mod partikolari Artikolu 4 tiegħu,

Billi r-Regolament (KEE) Nru 315/68 ⁽²⁾ tat-12 ta' Marzu 1968, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1793/73 ⁽³⁾, jistabbilixxi standards ta' kwalità għall-basal li jagħmel il-fjuri, basal tal-qasab u tuberi;

Billi l-esperjenza wriet li l-metodi ta' teknika preżenti ta' produzzjoni u l-ispeċji, il-varjetajiet u l-ibridi tal-basal liljum li bħalissa jinsabu fuq is-suq joħlqu l-ħtieġa li jiġu modifikati d-deskrizzjonijiet u d-daqsijiet minimi speċifikati fir-rigward ta'

dawk il-prodotti; billi l-i standards rilevanti għandhom għalhekk jiġu aġġustati kif xieraq;

Billi l-miżuri stabbiliti minn dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni tal-Pjanti ħajjin,

ADDOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fit-tabella li tidher fit-Taqsima III ta' l-Anness tar-Regolament (KEE) Nru 315/68, l-iskrizzjonijiet dwar basal tal-liljum għandhom jinbidlu bit-test ta' l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-11 ta' April 1975.

Għall-Kummissjoni

P. J. LARDINOIS

Membri tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU No L 55, tat-2.3.1968, p. 1.

⁽²⁾ ĠU No L 71, tal-21.3.1968, p. 1.

⁽³⁾ ĠU No L 181, tal-4.7.1973, p. 12

L-ANNEX

| Deskrizzjoni botanika tal-prodott | Metodu ta' gradazzjoni | Daqs minimu | Gradazzjoni tad-daqs |
|--|------------------------|-------------|--|
| <i>Lilium auratum</i> , il-kultivari u l-ibridi tagħha | A | 16 | 7-8; 8-9; 9-10; 10-12; 12-14; 14-16; 16-18; 18-20; 20-22; 22-24; 24 u iżjed |
| <i>Lilium candidum</i> | A | 16 | |
| <i>Lilium croceum</i> | A | 14 | |
| <i>Lilium davidii</i> (Syn. <i>L. willmettiae</i>), il-kultivari u l-ibridi tagħha inklużi "Corsage" u fiesta "Citronella" imma esklużi | A | 12 | |
| <i>Lilium davidii</i> (Syn. <i>L. willmettiae</i>) maxwill | A | 14 | |
| <i>Lilium formosanum</i> (Syn. <i>L. Philippinense</i> var. <i>Formosanum</i>) | A | 8 | |
| <i>Lilium holiandicum</i> (Syn. <i>Umbellatum</i>), il-kultivari u l-ibridi tagħha | A | 14 | |
| <i>Lilium henryi</i> , il-kultivari u l-ibridi tagħha | A | 16 | |
| Ibridi tal- <i>Lilium asiatica</i> (ta' nofs is-seklu) inklużi "Enchantment", "Harmony", "Joan Evans" u "Tabasco" imma esklużi | A | 10 | |
| Ibridi tal- <i>Lilium asiatica</i> (ta' nofs is-seklu) "Destiny" u "Prosperity" | A | 10 | |
| <i>Lilium pumilum</i> (Syn. <i>L. Tenuifolium</i>) | A | 7 | |
| <i>Lilium regale</i> , il-kultivari u l-ibridi tagħha | A | 16 | |
| <i>Lilium speciosum</i> , il-kultivari u l-ibridi tagħha | A | 16 | |
| <i>Lilium tigrinum</i> , il-kultivari u l-ibridi tagħha | A | 12 | |